**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru: 1075/2024**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**VS**

**Bipin Paija**

**Illum is-6 ta' Jannar, 2025**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkużi kontra 'l hawn fuq imsemmi Bipin Paija ta' 21 sena, Nazzjonalita` Nepaliża, imwieled ġewwa n-Nepal nhar it-13 ta' Ġunju 2003, residenti 45, Orchidea, Triq il-Ħrierēb, Imsida u dententur ta' Permess ta' Residenza 045192A;

Akkużat talli:

Bejn nofs il-lejl u s-sagħtejn ta' filgħodu ta' nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa **45, Orchidea, Triq il-Ħriereb, Imsida** u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' **Amul Thapa** f'perikolu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tal-istess **Amul Thapa** u cioe` ferita ta' natura gravi hekk kif iċċertifikat minn Dr Aaron Akuns (Med Reg Nru 8266), liema difiża ġiet magħmula bi strument li jaqta' jew bil-ponta.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tipprovdi għas-sigurta` ta' Amul Thapa billi toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat ukoll it-talba f'każ ta' sejbien ta' ħtija barra li tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika kull artikolu li jassigura l-kumpens u/jew restituzzjoni lill-vittma in relazzjoni tal-offiżi relevanti;

Rat ukoll it-talba f'każ ta' sejbien ta' ħtija sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, sabiex tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż ai termini tal-Artikoli 532A, 532B u/jew Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali;

Finalment, rat it-talba f'każ ta' sejbien ta' ħtija sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta` tal-parti leża;

Rat li ċ-ċitazzjoni nqrat u ġiet ikkonfermata bil-ġurament mill-Prosekuzzjoni fis-seduta datata 29 ta' Diċembru 2024 quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Rat l-atti kollha;

Rat li l-imputat irreġistra ammissjoni fis-seduta datata 6 ta' Jannar 2025 għall-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu quddiem din il-Qorti;

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tiegħu u tatu żmien xieraq biex jekk irid, jista' jerġa' lura minnha u fil-fatt huwa reġa' tenna l-istess ammissjoni tiegħu.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta' l-imputat u l-fedina penali tiegħu u ma tħossx li l-imputat għandu jirċievi piena karċerarja effettiva.

**Decide:**

**Għal dawn il-motivi u wara li l-Qorti rat l-Artikoli 214, 215 u 217 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ssib lill-imputat Bipin Paija ħati ta' l-imputazzjoniji kif dedotta kontra tiegħu u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 ta-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sopizi ghal erba' (4) snin mil-lum.**

**Inoltre, qieghda timponi Ordni ta' Trazzin ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn l-imputat Pipin Paija huwa prekluz milli jkellem jew javvicina lil Amul Thapa ghal żmien tlett (3) snin mil-lum, taht l-ebda ċirkostanza kemm diretta u indiretta.**

**Inoltre l-Qorti, qiegħda timponi wkoll Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9 fejn l-imputat għandu jibda jindirizza l-problemi li għandu relatati mal-użu tal-akoħol għal tlett (3) snin mil-lum.**

**Il-Qorti spjegat lill-ħati Bipin Paija il-portata ta' din is-sentenza ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u tordna notifika tal-odjerna sentenza u Ordni ta' Trattament lid-Direttur tal-Probation Services u Parole.**

**Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Fabiana Grech**
**Deputat Reġistratur**